KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

**Brussell, 27 ta' Ġunju 2012**
**(OR. en)**

**14764/11**
**ADD 1 REV 1**
**COR 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2011/0249 (NLE)**

**WTO 329**
**AMLAT 84**
**SERVICES 96**
**COMER 193**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA: CORRIGENDUM**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra |

Il-paġna EU/CO/PE/Anness I/mt 40 hija ssostitwita bil-paġna mehmuża.

(c) id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw li jikkorrispondu mal-linji tariffarji fil-kategorija "5" tal-Iskeda għandhom jitneħħew f'sitt stadji annwali ndaqs li jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u dawn il-merkanziji jkunu eżentati mid-dazji mill-1 ta' Jannar tas-sitt sena;

(d) id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw li jikkorrispondu mal-linji tariffarji fil-kategorija "6" fl-Iskeda għandhom jitneħħew f'seba' stadji annwali ndaqs li jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u dawn il-merkanziji jkunu eżentati mid-dazji mill-1 ta' Jannar tas-seba' sena;

(e) id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw li jikkorrispondu mal-linji tariffarji fil-kategorija "7" tal-Iskeda għandhom jitneħħew fi tmien stadju annwali li jkunu kollha ndaqs u jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u dawn il-merkanziji jkunu eżentati mid-dazji mill-1 ta' Jannar tat-tmien sena;

(f) id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw li jikkorrispondu mal-linji tariffarji fil-kategorija "10" tal-Iskeda għandhom jitneħħew fi ħdax-il stadju annwali li jkunu kollha ndaqs u jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u dawn il-merkanziji jkunu eżentati mid-dazji mill-1 ta' Jannar tas-sena ħdax;

(g) id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw li jikkorrispondu mal-linji tariffarji fil-kategorija "12" tal-Iskeda għandhom jitneħħew fi tlettax-il stadju annwali li jkunu kollha ndaqs u jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u dawn il-merkanziji jkunu eżentati mid-dazji mill-1 ta' Jannar tas-sena tlettax;